**29 ta' Ottubru, 1963**

**Imħallef:**

**Onor. A. Gauci Maistre, LL.D.**

Lucy Bezzina

*versus*

Paolo Farrugia

**Arrest — Res Judicata — Art. 359(b) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Għall-finijiet tar-"res judicata" sabiex ikun hemm "bis in idem" irid ikun hemm l-eadem persona, l-eadem res u l-eadem causa petendi; jekk tonqos waħda minn dawn it-tlett rekwisiti l-eċċezzjoni tar-"res judicata" ma tistax tiġi milqugħa.*

Il-Qorti, rat l-att ta' ċitazzjoni li bih l-attriċi wara li ppremettiet li l-konvenut ġie kkundannat iħallas is-somma ta' ħamsa u sebgħin lira, disa' xelini u sitt soldi (£75.9.6.) b'sentenza mogħtija minn din il-Qorti fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ottubru, 1961 u li l-konvenut naqas li jħallas għalkemm saru diversi interpellazzjonijiet — talbet illi l-konvenut għarraġunijiet fuq imsemmija jiġi kkundannat iħallas lilha l-imsemmi ammont ta' £75.9.6. b'rati u taħt dawk il-kondizzjonijiet li jogħġobha tiffissa din il-Qorti;

Rat in-noti tal-eċċezzjoni tal-konvenut li biha eċċipixxa:

Preliminarjament; illi stanti li kif ġie indikat fl-istess ċitazzjoni l-eċċipjent kien ġie kkundannat iħallas l-import reklamat b'sentenza ta' din il-Qorti tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ottubru, 1961, il-preżenti proċedura tikkostitwixxi "bis in idem" peress illi kien ikun biżżejjed li l-attriċi tgħaddi għall-esekuzzjoni kontra tiegħu ta' sentenza fuq imsemmija — għalhekk it-talba odjerna għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż.

Omissis;

Tikkunsidra dwar l-eċċezzjoni ta' res ġudicata sollevata mill-konvenut, illi kif huwa magħruf il-prinċipju regulatur in materja huwa illi biex ikun hemm "bis in idem" irid ikun hemm l-eadem persona, l-eadem res u l-eadem causa petendi; jekk tonqos waħda minn dawn it-tliet rekwisiti l-eċċezzjoni ma tistax tiġi milqugħa.

Issa fil-każ in kwistjoni billi fl-ewwel kawża l-attriċi talbet illi l-konvenut jiġi kkundannat iħallas l-ammont mitlub fiċ-

ċitazzjoni, u l-konvenut kien ġie kkundannat għall-ħlas ta' dan l-ammont, purament u sempliċement. *F'din il-kawża l-attriċi*, in vista illi l-konvenut ma ħallasx, qegħda titlob illi l-Qorti tistabilixxi l-mod kif il-konvenut għandu jħallas l-imsemmi debitu tiegħu — ċioè li din il-Qorti tistabilixxi r-rata u l-modilitajiet tal-ħlas — dan għal fini tal-artikolu 359(b) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, biex l-attriċi tkun tista' tottieni l-arrest tad-debitur f'nuqqas ta' ħlas kif tkun ordnat il-Qorti. Mela mentri fl-ewwel kawża l-attriċi talbet u otteniet il-kundanna tal-konvenut *għall-ħlas, f'din* il-kawża l-attriċi qegħda titlob illi jiġu stabbiliti l-premessi li jekk javveraw ruħhom, jagħtuha dritt li ma kellhiex qabel in forza tal-ewwel sentenza, ċioè l-esekuzzjoni per mezz tal-arrest personali tad-debitur — Mela ma hawnx l-eadem causa petendi.

Konsegwentement tiċħad l-eċċezzjoni tar-res gudicata bl-ispejjeż kontra l-konvenut u tordna illi titkompla t-trattazzjoni tal-kawża fil-meritu.